MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2013

Numru. 618/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Keith Attard**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Keith Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 430064(M).

Akkuzat talli:
F'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta' Awwissu 2011 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnat lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha

specifikat, u cioe` ha u zamm ghandu l-ammont totali ta' elf disa' mija u disgha u goxrin Ewro (€1,929) minn gewwa Porkies Take-Away ghad-dannu ta' Gianluca Costa u/jew ta' persuni ohra, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessaru;

Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ghat-total ta' elf disa' mija u disgha u ghoxrin Ewro (€1,929) fi flus kontanti minn gewwa Porkies Take-Away ghadu-dannu ta' Gianluca Costa u/jew ta' persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-hin.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat hallas is-somma kollha pretiza mill-parte civile fil-mori tal-kawza u kwazi fl-istadju inizjali tal-proceduri;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Rat il-fedina penali tal-imptuat li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310(b), 261(d) u (f), 268(d) u 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Keith Attard hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li t-tieni akkuza hija assorbita alternattiva ghall-ewwel akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliebrah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------